# Il-moda

Trid tintgħoġob u tkun aċċettat? Mela imxi mal-moda. Hekk jaħsbu ħafna nies. Huma tassew ftit dawk li ma jimxux mal-moda u jien wieħed minnhom!



Għalija l-moda hija xi ħaġa stupida u monotona! Ma nifhimx għaliex in-nies joqogħdu jaħlu ħafna flus biex jixtru ħwejjeġ tal-moda, anki jekk ma jogħġbuhomx, u jixtruhom biss għax huma tal-moda. Fi żmienna, jekk ma timxix mal-moda qisek ħuta barra mill-ilma! Ċertu nies jagħtu ħajjithom għall-moda, anzi wħud isiru skjavi tagħha. Il-mudelli jagħmlu sagrifiċċji kbar u dieti estremi biex jimmudellaw u jieħdu sehem fi sfilati tal-moda. Dawn ħlief ħwejjeġ u aċċessorji oħra bħal basktijiet, żraben u ġojjelli tad-ditta ma jarawx quddiem għajnejhom. X'monotonija!

Ħafna nies jixtru affarijiet li huma tad-ditta u li jiswew ħafna u ħafna flus, anki aktar milli jiflaħ buthom. Huma ħafna dawk li jippreferu jixtru ħwejjeġ u aċċessorji tad-ditta biex jidhru sbieħ quddiem l-oħrajn. Imbagħad joqogħdu lura milli jixtru affarijiet bażiċi għalihom u għall-familji tagħhom. B'hekk il-ħwienet jagħmlu ħafna kummerċ, igawdi l-bejjiegħ u jbati l-but tal-konsumatur! Sidien ta' ħwienet kbar tal-moda jsiru miljunarji minn fuq dahar dawn in-nies.

Il-punt hu li m'għandekx għalfejn tonfoq ħafna flus fuq affarijiet li huma tal-moda u li ħafna drabi lilek ma jogħġbukx. M'għandekx tixtrihom biss biex tintgħoġob mal-oħrajn. Dawn in-nies donnhom ma jafux li mhux l-ilbies biss jagħmlek nies!



Alessandro Parrella

2 Coral